# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 336

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 62 — 7 ta' Ottubru 2019


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 336/01 Rata tal-kambju tal-euro — L-4 ta' Ottubru 2019 ..... 1


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2019/C 336/02 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċedura stipulata bl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE ..... 2


V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 336/03 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9527 — New Media Investment Group/Gannett Co.) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ..... 5


ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 336/04 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 7


MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**L-4 ta’ Ottubru 2019**

(2019/C 336/01)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0979 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4612 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 117,23 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 8,6099 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4666 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7350 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,89045 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5139 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,8105 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 312,32 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0913 | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 16,6446 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 135,70 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8497 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,9915 | HRK | Kuna Kroata | 7,4215 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 531,39 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,741 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5953 |
| HUF | Forint Ungeriż | 332,76 | PHP | Peso Filippin | 56,811 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3245 | RUB | Rouble Russu | 71,1420 |
| RON | Leu Rumen | 4,7480 | THB | Baht Tajlandiż | 33,437 |
| TRY | Lira Turka | 6,2505 | BRL | Real Brażiljan | 4,4726 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6247 | MXN | Peso Messikan | 21,5087 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,8415 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċedura stipulata bl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE

(2019/C 336/02)

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità ([1]), il-Kummissjoni hija meħtieġa tippubblika, għall-informazzjoni, lista tal-ajruporti msemmija fid-Direttiva.

| | Ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom qabeż iż-żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew il-50 000 tunnellata ta' merkanzija fl-2018 | Ajruporti oħra miftuħa għat-traffiku kummerċjali fl-2018 |
|---|---|---|
| L-Awstrija | Vjenna | Graz, Klagenfurt, Linz, Salzburg, Innsbruck |
| Il-Belġju | Brussels National, Charleroi-Brussels South, Liège-Bierset | Antwerpen, Kortrijk-Wevelgem, Ostend-Bruges |
| Il-Bulgarija | Sofija, Burgas, Varna | Plovdiv, Gorna Oryahovitsa |
| Il-Kroazja | Zagreb, Split, Dubrovnik | Zadar, Pula, Osijek, Brač, Rijeka, Mali Lošinj |
| Ċipru | L-Ajruport Internazzjonali ta' Larnaka, l-Ajruport Internazzjonali ta' Pafos | |
| Iċ-Ċekja | Praha/Ruzyně | Benešov, Brno/Tuřany, Broumov, Břeclav, Bubovice, Česká Lípa, České Budějovice, Dvůr Králové, Frýdlant, Havlíčkův Brod, Hodkovice, Hořice, Hosín, Hradec Králové, Hranice, Cheb, Chomutov, Chotěboř, Chrudim, Jaroměř, Jičín, Jihlava, Jindřichův Hradec, Karlovy Vary, Kladno, Klatovy, Kolín, Krnov, Křižanov, Kyjov, Letkov, Letňany, Medlánky, Mikulovice, Mladá Boleslav, Mnichovo Hradiště, Moravská Třebová, Most, Nové Město, Olomouc, Ostrava/Mošnov, Panenský Týnec, Pardubice, Plasy, Plzeň/Líně, Podhořany, Polička, Přerov, Příbram, Přibyslav, Rakovník, Raná, Roudnice, Sazená, Skuteč, Slaný, Soběslav, Staňkov, Stichovice, Strakonice, Strunkovice, Šumperk, Tábor, Toužim, Ústí nad Orlicí, Velké Poříčí, Vrchlabí, Vysoké Mýto, Vyškov, Zábřeh, Zbraslavice, Žamberk |
| Id-Danimarka | Copenhagen, Billund | Aalborg, Aarhus, Bornholm/Rønne, Midtjylland/Karup, Esbjerg, Sønderborg, Roskilde |
| L-Estonja | Lennart Meri-Tallinn | Tartu, Pärnu, Kuressaare, Kärdla |
| Il-Finlandja | Helsinki-Vantaa | Enontekiö, Halli, Ivalo, Joensuu, Jyväskylä, Kajaani, Kemi-Tornio, Kittilä, Kokkola-Pietarsaari, Kuopio, Kuusamo, Lappeenranta, Maarianhamina, Mikkeli, Oulu, Pori, Rovaniemi, Savonlinna, Seinäjoki, Tampere-Pirkkala, Turku, Utti, Vaasa |

([1]) ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36.

| | Ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom qabeż iż-żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew il-50 000 tunnellata ta' merkanzija fl-2018 | Ajruporti oħra miftuħa għat-traffiku kummerċjali fl-2018 |
|---|---|---|
| Franza | Paris-Charles de Gaulle, Paris-Orly, Nice-Côte d'Azur, Lyon-Saint Exupéry, Toulouse-Blagnac, Marseille-Provence, Bâle-Mulhouse, Bordeaux-Mérignac, Nantes-Atlantique, Beauvais-Tille, La Réunion-Roland Garros, Pointe-à-Pitre-Le Raizet, Lille-Lesquin | Martinique-Aimé Césaire, Montpellier-Méditerranée, Ajaccio-Napoléon Bonaparte, Bastia-Poretta, Strasbourg-Entzheim, Biarritz-Pays Pasque, Brest-Bretagne, Rennes-Saint-Jacques, Figari-Sud Corse, Pau-Pyrénées, Toulon-Hyères, Cayenne-Félix-Éboué, Perpignan-Rivesaltes, Tarbes-Lourdes-Pyrénées, Clermont-Ferrand-Auvergne, Carcassonne-Salvaza, Mayotte-Dzaoudzi-Pamandzi, Grenoble-Alpes-Isère, Calvi-Sainte Catherine, Limoges-Bellegarde, Bergerac-Dordogne-Périgord, Caen-Carpiquet, Metz–Nancy–Lorraine, La Rochelle-Ile de Ré, Nîmes-Garons, Béziers-Vias, Chambéry-Aix-les-Bains, Saint-Martin-Grand Case, Tours-Val De Loire, Deauville-Normandie, Saint Barthélemy, Paris-Le Bourget, Lorient-Lann-Bihoué, Poitiers-Biard, Dinard-Pleurtuit-St-Malo, Dole-Tavaux, Saint-Pierre-Pierrefonds, Rodez-Aveyron, Quimper–Pluguffan, Brive-Souillac, Châlons-Vatry, Castres-Mazamet, Maripasoula, Saint-Pierre-Pointe Blanche, Aurillac, Agen-La Garenne, Rouen - Vallée de Seine, Saint-Nazaire-Montoir (2) |
| Il-Ġermanja | Berlin-Tegel, Berlin-Schönefeld, Bremen, Dortmund, Düsseldorf, Frankfurt/Main, Hahn, Hamburg, Hannover, Köln/Bonn, Leipzig/Halle, München, Nürnberg, Stuttgart | Augsburg, Braunschweig, Cuxhaven-Nordholz, Dresden, Eggenfelden, Erfurt, Friedrichshafen, Harle, Heide-Büsum, Helgoland, Heringsdorf, Ingolstadt/Manching, Juist, Karlsruhe/Baden-Baden, Kassel-Calden, Mannheim, Memmingen, Münster-Osnabrück, Niederrhein, Norden-Norddeich, Paderborn- Lippstadt, Rostock-Laage, Saarbrücken, Sylt-Westerland, Wangerooge (2) |
| Il-Greċja | Ateni, Irakleion, Thessaloniki, Rodos, Kerkyra, Kos, Chania | Zakynthos, Mykonos, Kefallinia, Aktio, Mytilini, Samos, Skiathos, Kavala, Kalamata, Karpathos, Chios, Alexandroupolis, Paros, Araxos, Ioannina, Limnos, Naxos, Milos, Siteia, Ikaria, N. Anchialos, Kythira, Leros, Skyros, Syros, Astypalaia, Kalymnos, Kastelorizo, Kozani, Kastoria, Kasos |
| L-Ungerija | L-Ajruport Internazzjonali ta' Budapest Liszt Ferenc | Pécs-Pogány, Győr-Pér, Hévíz-Balaton, Debrecen, Szeged, Nyíregyháza |
| L-Irlanda | Dublin, Cork | Shannon, Ireland West Airport Knock, Kerry, Donegal, Waterford |
| L-Italja | Roma-Fiumicino, Milano-Malpensa, Bergamo, Venezia, Napoli, Catania, Milano-Linate, Bologna, Palermo, Roma-Ciampino, Pisa, Bari, Cagliari, Torino, Verona, Treviso, Olbia, Lamezia Terme, Firenze, Brindisi | Genova, Alghero, Trieste, Pescara, Trapani, Ancona, Comiso, Reggio Calabria, Rimini, Lampedusa, Perugia, Pantelleria, Cuneo, Crotone, Parma, Bolzano, Grosseto, Brescia, Marina di Campo, Salerno, Taranto, Foggia |
| Il-Latvja | L-Ajruport Internazzjonali ta' Riga | L-Ajruport ta' Liepaja |
| Il-Litwanja | L-Ajruport Internazzjonali ta' Vilnius | L-Ajruport Internazzjonali ta' Kaunas, l-Ajruport Internazzjonali ta' Palanga, l-Ajruport Internazzjonali ta' Šiauliai |
| Il-Lussemburgu | Lussemburgu-Findel | |
| Malta | L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta f'Ħal Luqa | |
| In-Netherlands | Amsterdam-Schiphol, Eindhoven, Maastricht | Eelde, Rotterdam-The Hague |

(2)

| | Ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom qabeż iż-żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew il-50 000 tunnellata ta' merkanzija fl-2018 | Ajruporti oħra miftuħa għat-traffiku kummerċjali fl-2018 |
|---|---|---|
| Il-Polonja | Chopina w Warszawie, Kraków-Balice, Gdańsk im. Lecha Wałęsy, Katowice-Pyrzowice, Warszawa/Modlin, Wrocław-Strachowice, Poznań-Ławica | Rzeszów-Jasionka, Szczecin-Goleniów, Bydgoszcz-Szwederowo, Łódź-Lublinek, Lublin, Zielona Góra-Babimost, Olsztyn-Mazury |
| Il-Portugall | Lisboa, Oporto, Faro, Madeira | Beja, Bragança, Cascais, Corvo, Flores, Graciosa, Horta, Lajes, Pico, Ponta Delgada, Portimão, Porto Santo, Santa Maria, São Jorge, Vila Real, Viseu |
| Ir-Rumanija | L-Ajruport Internazzjonali ta' Bucharest "Henri Coanda", l-Ajruport Internazzjonali ta' Cluj "Avram Iancu" | L-Ajruport Internazzjonali ta' Bucharest Baneasa "Aurel Vlaicu", l-Ajruport Internazzjonali ta' Craiova, l-Ajruport Internazzjonali ta' Timisoara "Traian Vuia", l-Ajruport Internazzjonali ta' Arad, l-Ajruport Internazzjonali ta' Oradea, l-Ajruport Internazzjonali ta' Baia Mare, l-Ajruport Internazzjonali ta' Satu Mare, l-Ajruport Internazzjonali ta' Sibiu, l-Ajruport Internazzjonali ta' Targu Mures, l-Ajruport Internazzjonali ta' Suceava, l-Ajruport Internazzjonali ta' Iasi, l-Ajruport Internazzjonali ta' Bacau, l-Ajruport Internazzjonali ta' Tulcea, l-Ajruport Internazzjonali ta' Constanta "Mihail Kogalniceanu", l-Ajruport ta' Tuzla |
| Is-Slovakkja | Bratislava | Košice, Poprad-Tatry, Sliač, Piešťany, Žilina |
| Is-Slovenja | | Ljubljana-Jože Pučnik, Maribor-Edvard Rusjan, Portorož |
| Spanja | Adolfo Suárez Madrid-Barajas, Alicante-Elche, JT Barcelona-El Prat, Bilbao, Fuerteventura, Girona, Gran Canaria, Ibiza, Lanzarote, Málaga-Costa del Sol, Menorca, Palma de Mallorca, Santiago, Sevilla, Tenerife-Norte, Tenerife-Sur, Valencia, Vitoria, Zaragoza | A Coruña, Albacete, Algeciras-Heliport, Almería, Asturias, Badajoz, Burgos, Castellón-Costa Azahar, Ceuta/Heliport, Córdoba, El Hierro, FGL Granada-Jaén, Huesca-Pirineos, Jerez de la Frontera, La Gomera, La Palma, León, Lleida-Alguaire, Logroño, Madrid-Cuatro Vientos, Melilla, Aeropuerto Internacional Región de Murcia, Pamplona, Reus, Sabadell, Salamanca, San Sebastián, Seve Ballesteros-Santander, Son Bonet, Valladolid, Vigo |
| L-Iżvezja | Stockholm/Arlanda, Göteborg/Landvetter, Stockholm/Bromma, Stockholm/Skavsta, Malmö | Luleå/Kallax, Umeå, Åre Östersund, Visby, Skellefteå, Ängelholm, Växjö/Kronoberg, Kiruna, Sundsvall-Timrå, Kalmar, Ronneby, Linköping/Saab, Halmstad, Norrköping/Kungsängen, Stockholm/Västerås, Jönköping, Örnsköldsvik, Örebro, Karlstad, Arvidsjaur, Trollhättan-Vänersborg, Kristianstad, Borlänge, Gällivare, Lycksele, Vilhelmina, Hemavan Tärnaby, Kramfors-Sollefteå, Sveg, Pajala, Mora/Siljan, Hagfors, Torsby |
| Ir-Renju Unit | Heathrow, Gatwick, Manchester, Stansted, Luton, Edinburgh, Birmingham, Glasgow, Bristol, Belfast International, Newcastle, Liverpool, East Midlands London City, Leeds Bradford, Aberdeen, Belfast City | Barra, Benbecula, Biggin Hill, Blackpool, Bournemouth, Cambridge, Campbeltown, Cardiff, Carlisle Lake District Airport, City of Derry, Doncaster Sheffield, Dundee, Exeter, Humberside, Inverness, Islay, Isles of Scilly (St Marys), Kirkwall, Lands End, Lerwick, Lydd, Newquay, Norwich, Oxford, Prestwick, Scatsta, Shoreham, Southampton, Southend, Stornoway, Sumburgh, Teeside International, Tiree, Wick John O'Groats |

(1) 10 000 passiġġier fis-sena mhumiex elenkati.L-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom jammonta għal inqas minn

(2) 10 000 passiġġier fis-sena mhumiex elenkati.L-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom jammonta għal inqas minn

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9527 — New Media Investment Group/Gannett Co.)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 336/03)

1. Fit-30 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— New Media Investment Group Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Gannett Co., Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka).

New Media Investiment Group Inc. Takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Gannett Co., Inc. Kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— New Media Investiment Group Inc.: il-pubblikazzjoni ta' ġurnali lokali u online media,

— Gannett Co., Inc.: kumpanija ta' soluzzjonijiet għall-media u l-kummerċjalizzazzjoni, inkluża l-pubblikazzjoni ta' ġurnali nazzjonali u lokali u online media.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9527 — New Media Investment Group/Gannett Co.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

## ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2019/C 336/04)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"MIÓD SPADZIOWY Z BESKIDU WYSPOWEGO"**

**Nru tal-UE: PDO-PL-02316 — 30.6.2017**

**DOP (X) IĠP ()**

1. **Isem/Ismijiet**

"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Polonja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.4. Prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti mill-ħalib għajr butir, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huwa għasel likwidu jew kristallizzat prodott mill-qtar tal-għasel taż-żnuber. Il-materja prima għall-produzzjoni tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huwa għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar tal-foresti taż-żnuber fil-muntanji ta' Beskid Wyspowy u f'parti żgħira mill-muntanji Beskid Makowski msejħa Beskid Myślenicki. Huwa prodott miż-żnuber abjad (*Abies alba*) mill-afidi tal-ispeċi tal-afidi taż-żnuber bl-istrixxi ħodor (*Cinara pectinata Nördl*).

L-afidi jiġbru l-linfa tal-pjanti mill-frieghi taż-żnuber abjad, li minnha jieħdu l-komponenti tal-proteina u jarmu l-likwidu li jkun jifdal, likwidu viskuż li jikkonsisti prinċipalment minn karboidrati, jew minn qtar tal-għasel tas-siġar. In naħal jiġbor il-qtar tal-għasel tas-siġar mill-weraq u l-frieghi taż-żnuber abjad u mill-art forestali direttament taħt iż-żnuber. Inizjalment, il-kulur tal-qtar tal-għasel tas-siġar ikun ċar, iżda malajr jakkwista addittivi differenti, bħal frak tad-dakra jew spori tal-faqqiegħ jew tal-alġi. Dawk l-addittivi jagħtu lill-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" il-kulur karatteristiku tiegħu iswed ħadrani.

Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jiġi prodott esklużivament mill-kolonji tan-naħal tal-għasel tar-razza Carnica (*Apis mellifera carnica*) tan-nisel Dobra jew bl-inkroċjar ma' naħal oħra tar-razza (*Apis mellifera carnica*). Għall-inkroċjar tar-razez in-naħla femminili trid tkun ġejja min-nisel Dobra filwaqt li l-maskili jrid ikun tar-razza Carnica. Ġewwa ż-żona tat-tnissil u l-marġnijiet tagħha jistgħu jitnisslu biss in-naħal tar-razza Carnica tan-nisel Dobra.

L-għasel prodott mill-qtar tal-għasel taż-żnuber abjad jikkostitwixxi tal-anqas 95 % tal-kontenut totali tal-għasel "Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego". Massimu ta' 5 % tal-qtar tal-għasel jista' jkun ġej mis-siġar li jwaqqgħu l-weraq.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Karatteristiċi organolettiċi

Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huwa magħqud u viskuż fil-konsistenza tiegħu. L-għasel mhux kristallizzat huwa ta' lewn ħadrani fl-iswed u jista' jkollu sfumaturi ta' kannella skur. Wara l-kristallizzazzjoni, jiċċara u jsir bejn ħadrani fil-griż u kannella. Il-kulur tal-għasel ikun mill-inqas 86 mm fuq l-iskala Pfund. Il-kristallizzazzjoni ssir bil-mod wara madwar 4 xhur ta' separazzjoni bl-azzjoni ċentrifuga, u tkun fil-forma ta' grana fina jew medja. Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" għandu aroma intensa, b'riħa speċifika qisha tar-raża, u b'togħma delikata u ħelwa.

L-għasel b'sinjali ta' frammentazzjoni jew ta' fermentazzjoni ma jistax jinbiegħ bl-isem protett "Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego".

Karatteristiċi fiżikokimiċi

— Kontenut tal-ilma – mhux aktar minn 17,5 %

— Konduttività f'[mS/cm] mhux anqas minn 1,20

(f'[10-4 S.cm-1] mhux anqas minn 12,00)

— Attività dijastatika fuq l-iskala Schade – mhux inqas minn 15

— Kontenut ta' HMF (5-idrossimetilfurfural) — mhux aktar minn 15 mg/kg.

Karatteristiċi mikrobijoloġiċi

Fil-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jinsabu l-indikaturi tal-qtar tal-għasel tas-siġar li ġejjin: spori tal-faqqiegħ u algi. Minn fost il-faqqiegħ, jippredominaw il-fungi *Atichia*: *Hormisciumi, Triposporium, Capnophialophorapinophila u Triposporiumpinophilum*. Dawn huma speċijiet tipiċi għal dan l-għasel, li jidhru kemm fil-qtar tal-għasel tas-siġar kif ukoll fl-għasel. Minn fost l-algi, jippredominaw iċ-ċelloli tal-*Pleurococcussp*, tal-*Chlorococcus* u taċ-*Cystococcus*. Jistgħu jinstabu wkoll l-algi blu-ħadranin tal-alga *Cyanophyceae* u d-dijatomi tal-alga *Diatomeae*. Il-kulur iswed ħadrani tal-għasel huwa r-riżultat tal-preżenza ta' dawk l-indikaturi tal-qtar tal-għasel tas-siġar.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

In-naħal jista' jingħalef bil-ġulepp taz-zokkor wara li tkun tlestiet il-produzzjoni tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego". Mhuwiex permess li n-naħal jingħalef waqt il-perjodu tal-estrazzjoni tal-għasel. F'perjodi mhux produttivi, jekk l-iżvilupp xieraq tal-kolonji tan-naħal jitqiegħed f'riskju, in-naħal jista' jiġi stimulat bil-ħelu tal-għasel u z-zokkor. L-għalf li jistimula n-naħal fil-perjodi mhux produttivi għandu jintemm sa mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel ma jibdew jitfaċċaw il-qtar tal-għasel tas-siġar.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-passi kollha fil-produzzjoni u l-estrazzjoni tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jridu jseħħu fiż-żona ġeografika ddefinita msemmija fil-punt 4. Waqt il-produzzjoni tal-għasel ma jista' jitwettaq l-ebda trattament bl-użu ta' prodotti mediċinali. L-użu ta' trattamenti bijoloġiċi li ma għandhomx potenzjal li jikkontaminaw l-għasel huwa permess.

L-iffiltrar tal-għasel, it-taħlit ma' għasel ieħor, il-pastorizzazzjoni jew it-tishin ogħla minn 40 gradi Celsius mhuwiex permess.

Wara l-kristallizzazzjoni tal-għasel f'kontenituri bl-ingrossa dan jista' jiġi llikwifikat f'tagħmir apposta (reċipjenti tat-tidwib) f'temperatura kkontrollata. Waqt il-likwefazzjoni t-temperatura ma tistax tkun ogħla minn 40 gradi Celsius fi kwalunkwe stadju. It-temperatura ġewwa r-reċipjent trid tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-likwifazzjoni mill-anqas darba kuljum.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

L-ippakkjar tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jrid isir fiż-żona ddefinita fil-punt 4.

Dan ir-rekwiżit jirriżulta mill-prattika tradizzjonali u huwa meħtieġ biex jiġu ffaċilitati l-monitoraġġ u l-kontroll tal-oriġini tal-għasel, filwaqt li jitnaqqas ir-riskju li jitħallat ma' għasel ieħor, jiġi evitat l-użu ħażin tal-isem meta jinbiegħ l-għasel minn reġjuni oħra u tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi dwar it-tikkettar imsemmija fil-paragrafu 3.6.

L-għan tar-rekwiżit huwa wkoll li tiġi ggarantita l-kwalità xierqa tal-prodott kif ukoll li jiġi evitat ir-riskju ta' alternanza bejn il-karatteristiċi fiżikokimiċi (HMF, l-attività dijastatika) u dawk organolettiċi tal-għasel. Jekk wara ċ-ċaqliq tal-għasel ma jinżammux il-kundizzjonijiet xierqa, billi huwa sustanza igroskopika, l-għasel jista' jassorbi l-ilma jew jikkristallizza malajr. Huwa possibbli wkoll li jiġu assorbiti rwejjaħ estranji, li jistgħu jbiddlu kompletament it-togħma tal-għasel. Barra minn hekk, jenħtieġ li għat-trasport tal-għasel jintużaw vetturi adattati apposta.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Dawk li jrabbu n-naħal, li jipproduċi u jippakkjaw il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" u l-entitajiet involuti fix-xiri tal-għasel u l-preżentazzjoni tiegħu huma meħtieġa jużaw tip uniku ta' tikketta. Is-sistema ta' tikketta unika hija maħsuba biex tiggarantixxi l-kwalità xierqa u tippermetti t-traċċabilità faċli tal-prodott. It-tikketti jitqassmu mill-assoċjazzjoni tal-produtturi Stowarzyszenie Producentów Miodu Spadziowego z Beskidu Wyspowego. Din tibgħat ir-regoli dwar id-distribuzzjoni tat-tikketti u r-rekords maħruġa u użati lill-korp tal-kontroll. Ir-regoli tad-distribuzzjoni ma jistgħu bl-ebda mod jiddiskriminaw kontra produtturi li mhumiex membri tal-assoċjazzjoni.

## 4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huwa prodott fil-Provinċja ta' Małopolskie fid-distretti ta' Limanowa u Myślenicka.

## 5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Il-kwalità tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" hija dovuta mhux biss għall-karatteristiċi uniċi tal-ambjent naturali imma wkoll għall-ħiliet ta' dawk li jrabbu n-naħal lokalment. Il-kombinazzjoni tal-fatturi msemmija hawn fuq biss tagħmilha possibbli li jinkiseb għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar ikkaratterizzat minn dawk il-fatturi speċifiċi.

Madwar 40 % tal-erja tal-wiċċ tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy huwa kopert mill-foresti. Hemmhekk jippredominaw foresti muntanjużi aktar baxxi: taż-żnuber u tal-fagu, taż-żnuber kif ukoll foresti mħallta taż-żnuber u tal-prinjola. Minn fost il-foresti kollha tal-Polonja kollha kemm hi, is-saturazzjoni tal-foresti taż-żnuber abjad hija l-ogħla.

Ir-razza indiġena tan-naħal tal-għasel tar-razza Carnica (*Apis mellifera carnica*), li rnexxielha tadatta għall-kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli u għall-iżvilupp tan-nektar, tfaċċat oriġinarjament fil-muntanji ta' Beskid Wyspowy fuq art miksija bil-foresti taż-żnuber. Matul l-evoluzzjoni tfaċċat popolazzjoni indiġena, aktar tard imsejħa "Dobra", li permezz tas-selezzjoni naturali kienet kapaċi tadatta għall-kundizzjonijiet lokali diffiċli, u evolvew għadd ta' karatteristiċi prezzjużi, bħar-reżistenza għall-mard, ir-reżistenza qawwija għall-kesħa, l-adattament għall-ikel fix-xitwa fuq il-qtar tal-għasel tas-siġar, l-interruzzjoni tal-bidien f'Settembru, ir-ritorn għall-bidien regolari fir-rebbiegħa, u l-iżvilupp rapidu wara li t-temp ikun stabbilizza. In-nisel Dobra tan-naħla tal-għasel tar-razza Carnica żviluppa mod effiċjenti ħafna fir-riżorsi kif jingħalef fix-xitwa. B'hekk, in-naħal għexu b'mod naturali f'dawn iż-żoni, u minkejja l-fatt li l-għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar mhuwiex adattat bħala għalf għan-naħal biex jgħaddu x-xitwa, in-naħal ikunu għaddew ix-xitwa b'mod normali. L-insla u r-razez oħra ta' naħal ma jirnexxilhomx jgħixu tul ix-xitwa fuq il-provvisti tal-qtar tal-għasel tas-siġar fil-muntanji ta' Beskid Wyspowy.

Il-karatteristiċi speċifiċi tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego", bħall-proporzjon għoli tal-qtar tal-għasel taż-żnuber, ġejjin miż-żona ġeografika, jiġifieri mill-foresti taż-żnuber tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy. Iż-żnuber jiġbru l-ilma, il-melħ minerali u l-oligoelementi mill-ħamrija u jintegrawhom fil-linfa tal-pjanti, li hija materja prima għall-produzzjoni tal-qtar tal-għasel tas-siġar. Il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi speċifiċi tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huma wkoll marbuta b'mod inseparabbli mal-afidu bl-istrixxi ħodor taż-żnuber fil-foresti taż-żnuber tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy u mal-kompożizzjoni kimika tal-qtar tal-għasel tas-siġar prodotti minnha. Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" huwa fil-fatt ikkaratterizzat mill-konduttività għolja u l-kompożizzjoni kimika tal-prodott li tirrifletti l-kontenut għoli ta' melħ minerali fil-ħamrija tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy.

Karatteristika oħra tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" hija l-proporzjon akbar ta' trab tad-dakra minn pjanti anemofilużi. Iż-żieda żgħira ta' trab tad-dakra minn pjanti ffertilizzati bit-trab tad-dakra mill-insetti hija ferm aktar baxxa minn dik li tinsab fl-għasel ibbażat fuq in-nektar. Din il-karatteristika hija dovuta għall-fatt li, matul il-perjodu li fih joħroġ il-qtar tal-għasel taż-żnuber abjad fil-muntanji ta' Beskid Wyspowy, minbarra dak tat-tilju, ma jinsab l-ebda nektar ieħor għall-użu kummerċjali. L-ogħla kontenut ta' trab tad-dakra minn pjanti anemofilużi jiżgura, *inter alia*, l-assenza jew l-ammont żgħir ta' nektar minn pjanti bin-nektar u jikkostitwixxi karatteristika tal-għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar minn injam koniferu, b'mod partikolari l-qtar tal-għasel taż-żnuber.

L-istorja twila ta' naħal li jużaw in-nektar mill-qtar tal-għasel taż-żnuber hija wkoll tipika taż-żona tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy u wasslet għall-ħolqien tan-nisel lokali tan-naħla "Dobra". Dan il-fatt juri r-rabta mill-qrib ħafna bejn il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" u ż-żona mnejn joriġina. Matul is-sekli, ir-razza tan-naħal tan-nisel Dobra żviluppat mekkaniżmi sabiex tkun tista' tikber f'dik iż-żona li hija karatterizzata mid-dominanza tal-qtar tal-għasel tas-siġar bħala n-nektar prinċipali, filwaqt li n-naħal ta' razez jew insla oħra ma kinux jistgħu jeżistu waħedhom. Minħabba l-karatteristiċi uniċi tagħha hija tista' tgħix fi stat selvaġġ f'żoni bil-foresti taż-żnuber. Il-karatteristiċi tan-naħla tan-nisel Dobra, li żviluppat matul is-sekli, fissru li bħalissa hija l-aktar waħda adattata għall-ħsad tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" għaliex aktar ma jsir malajr il-ħsad aktar jiġi alterat aħjar u aktar jirriżulta fi prodott tal-għasel tal-aqwa kwalità. L-attività dijastatika (LD) għolja tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" turi wkoll l-importanza tal-mekkaniżmi eċċezzjonali żviluppati min-naħal tan-nisel Dobra fil-muntanji ta' Beskid Wyspowy. Din hija prova tal-kontenut għoli ta' enżimi siewja fl-għasel, li joriġinaw mill-iġsma tan-naħal tal-għasel tar-razza Carnica tan-nisel Dobra, li tinsab fir-reġjun ta' Wyspowy Beskid.

L-istorja twila tat-trobbija tan-naħal f'dik iż-żona kkontribwiet għall-iżvilupp tal-ħiliet ta' dawk li jrabbu n-naħal lokalment. Dawn ma kinux jużaw razez importati jew inkroċjar ma' naħal li mhumiex adattati b'mod tajjeb għall-kundizzjonijiet klimatiċi u tan-nektar, u bis-saħħa tat-trobbija tagħhom in-nisel Dobra nżamm b'suċċess mingħajr ma nbidel sal-ġurnata tal-lum. Dawk li jrabbu n-naħal lokalment żviluppaw ir-regoli li jirregolaw il-metodi ta' produzzjoni u kif huwa miksub il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" kif ukoll ir-regoli tat-trobbija tan-naħal. Bis-saħħa tal-isforzi ta' dawk li jrabbu n-naħal lokalment, in-naħla tal-għasel tar-razza Carnica tan-nisel Dobra ilha protetta mill-2014 bħala riżorsa ġenetika, u ġie stabbilit reġjun tat-tnissil għaliha fit-territorju taż-żewġ muniċipalitajiet fid-distrett ta' Limanowa. Din l-inizjattiva tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-karatteristiċi uniċi tan-naħal tan-nisel Dobra, li mbagħad jikkontribwixxi direttament għall-preservazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego".

Il-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jiddistingwi ruħu mill-kontenut baxx ta' ilma u ta' HMF (5-drossimetil-furfural). Il-kontenut baxx ta' ilma huwa indikazzjoni ta' evaporazzjoni tajba tal-ilma min-naħal waqt li l-għasel ikun qed jimmatura, kif ukoll tad-determinazzjoni b'ħila taż-żmien għall-ħsad minn dawk li jrabbu n-naħal. L-HMF huwa prodott fl-għasel miz-zokkor komuni bir-riżultat tat-tisħin f'temperatura għolja u minħabba ż-żmien twil tal-ħżin. Il-kontenut baxx ta' HMF fil-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego" jikkonferma li huwa frisk u msaħħan f'temperatura baxxa, u għalhekk jippreserva l-ingredjenti siewja tiegħu. L-għarfien u l-esperjenza ta' dawk li jrabbu n-naħal lokalment, kif ukoll l-attenzjoni li jagħtu biex jiżguraw il-freskezza tal-għasel, jinfluwenzaw il-kompożizzjoni kimika, u konsegwentament il-karatteristiċi speċifiċi tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego".

Il-kombinazzjoni tal-fatturi kollha ta' hawn fuq, inkluż il-proporzjon għoli tal-foresti taż-żnuber abjad, it-trobbija tan-naħal tan-nisel lokali Dobra, il-purità tal-ambjent u l-mikroklima favorevoli tal-muntanji ta' Beskid Wyspowy, il-mudell tradizzjonali tat-trobbija tan-naħal u l-ħiliet ta' dawk li jrabbu n-naħal lokalment, huma riflessi direttament fil-karatteristiċi speċifiċi tal-"Miód spadziowy z Beskidu Wyspowego".

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://www.gov.pl/web/rolnictwo/wnioski-przekazane-komisji-europejskiej

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT